MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 277/2001/1

**Joseph D'Ugo**

**vs**

**Alexandra Sammut**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess attur is-somma ta' seba' mija u lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm701.38) rappresentanti danni kagunati mill-konvenuta f'incident awtomobilistiku tas-6 ta' Dicembru, 2000, gewwa Triq Windsor, Sliema, bejn il-vettura numru AAQ 286 misjuqa mill-konvenuta u l-vettura numru IAZ 443 misjuqa mill-attur Joseph D'Ugo u propjeta' tal-istess Joseph D'Ugo, liema incident gara unikament tort tal-konvenuta, minhabba traskuragni,

imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja tat-13 ta’ Marzu 2001, u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuta kontestwalment ma l-avviz ai termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta u bl-imghax mid-data tal-ewwel ittra ufficjali kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta (fol 8 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett illi hi kienet permezz tas-socjeta assikurattrici taghha Fogg Insurance Agency Limited accettat ir-responsabilita ghall-incident in kwistjoni u kwindi ghall-hlas tas-somma reklamata fl-avviz gimghatejn qabel ma giet intavolata din il-kawza u ghalhekk ma ghandha tbati l-ebda spejjes konnessi ma dan l-avviz.

Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, kif jidher mill-istess nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta, din kienet accettat li kienet responsabbli ghall-incident in esami u ghall-hlas tad-danni konsegwenzjali lill-istess attur. F’dan il-kaz, ghalhekk, il-konvenuta qed tikkontesta, biss, il-hlas da parti taghha, tal-ispejjes ta’ dawn il-proceduri u dwar dan ser jigu konsiderati s-segwenti:-

a) L-incident in esami gara fis-6 ta’ Dicembru 2000 waqt li l-avviz in esami kien gie intavolat fl-4 ta’ April 2001;

b) In atti a fol 16, tinsab esebita ittra bonarja datata it-13 ta’ Marzu 2001 li, permezz taghha, l-Avukat tal-attur, f’isem dan, kien interpella lill-konvenuta sabiex, fi zmien <u>tlett ijiem</u>, tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tal-istess danni. In rigward din l-ittra, jidher li ma kien hemm ebda risposta.

c) Fid-19 ta' April, 2001, cjoe wara l-presentata ta' dan l-avviz, l-istess Avukat tal-attur kien ircieva ittra minghand is-socjeta assikurattrici tal-konvenuta f'liema ittra jinghad li fis-27 ta' Marzu 2001, l-istess socjeta' assikuratrici kienet "confirmed liability with Gasan Mamo" (Is-socjeta' assikuratrici tal-attur). F'din l-ittra hemm ukoll, referenza ghal Max Borg Bonello, wiehed mill-"Claims Handlers" mas-socjeta assikuratrici tal-attur, fis-sens li dan "had received our confirmation".

d) In atti hemm ittra ohra mibghuta mill-assikurat tal-konvenuta lil dik tal-attur (ara fol 17) fejn jinghad in rigward karozza numru IAZ 443 illi "we are accepting liability …..", liema ittra iggib id-data tat-22 ta' Marzu 2001. Fl-istess ittra hemm notament pero' indirizzat minn "Max" lil "Jonathan" Claims Manager tal-assikurat tal-konvenuta fejn jinghad "PS. Quote Date of Accident". B'referenza ghal dan in-notament u l-kwesit hemm specifikat, ma kien hemm ebda risposta (ara l-"E. mail" anness mal-atti a fol 19 u datata id-19 ta' April 2001).

e) L-Avukat Audrey Demicoli (fol 14 ibid) spjegat li il-patrocinat taghha kien assikurat, biss in konnessjoni ma "third party risk" u b'hekk ma kienx ghamel xi "claim" mal-assikurat tieghu.

f) L-attur (a fol 20 u 21 ibid) spjega li avolja kien assikurat hekk, hu kien talab l-ghajnuna tas-socjeta' assikuratrici tieghu. Dwar l-istess incident, hu spjega li s-socjeta assikuratrici tal-konvenuta qatt ma kienet ikkomunikat mieghu personalment izda kien hu stess li kkomunika maghha telefonikament u hawnhekk, l-istess socjeta assikuratrici tal-konvenuta kienet informata li l-konvenuta kienet qed tirrifjuta li thallas l-"excess" dovut minnha. Difatti hu, qatt, ma kien gie infurmat li kien ser jithallas. Dwar l-ittra msemmija fil-paragrafu b) "supra", (ara fol 16 ibid) hu sostna li qatt ma kien ircieva risposta.

Ikkunsidrat

Illi, mill-premess, jidher li sad-data tallum, l-attur ma ircieva ebda pagament bhala risarciment ta' danni.

Illi, jidher ukoll li, bejn l-assikuraturi involuti, kien hemm korrispondenza minn fejn jirrisulta li dik tal-konvenuta kienet accettat ir-responsabilta' ghall-incident in esami da parti tal-konvenuta, din, pero', soggetta ghan-notament li jinsab citat fil-paragrafu d) "supra".

Illi l-attur sema' li s-socjeta' assikuratrici tal-konvenuta kienet infurmatu li l-konvenuta kienet qed tirrifjuta li thallas li-"excess" dovut minnha.

Illi, ghalhekk ma ghandu jkun hemm dubbju li l-konvenuta ghandha tigi ritenuta responsabbli ghal dan l-incident u li ghandha thallas l-ammont pretiz fl-avviz bhala danni, li ma giex, kontestat bhala "quantum".

Illi, dwar l-ispejjes, tenut kont li l-attur, kif di gja inghad, ma thallasx, sallum, dan l-ammont il-konvenuta ghandha thallas, ukoll, l-ispejjes kollha ta' din il-procedura. Certament ma jistax jinghad li l-attur ma thallasx l-istess danni minhabba xi nuqqas da parti tieghu, tas-socjeta' assikuratrici tieghu jew tal-Avukat tieghu.

Ghal dawn il-motivi, filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenuta tilqa' t-talbiet attrici u:

1) tiddikjara li l-incident stradali in esami gara minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenuta;

2) tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm701.38,0;

3) tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' Lm701.38,0 bl-imghax legali mill-4 ta' April 2001 sad-data tal-pagament effettiv, u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra bonarja tat-13 ta' Marzu 2001 u ta' dik ufficjali tal-4 ta' April 2001 msemmija fl-istess avviz.

--------------------------------TMIEM--------------------------------